# *Allokazzjoni tal-URpii taħt il-Portafoll tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi*

23 ta' Jannar 2020

Sussegwenti għat-tibdil tal-portafolli Ministerjali, l-Uffiċċju tar-Regolatur (Programm tal-Investitur Individwali) ġie assenjat lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi. Din l-informazzjoni ġiet ikkomunikata permezz ta' Ċirkulari 2/2020 tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, maħruġa fl-20 ta' Jannar 2020. B'mod speċifiku l-Uffiċċju jifforma parti mir-responsabbiltajiet assenjati lill-Onor. Alex Muscat, Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u Komunitajiet.

Din hi t-tieni darba li dan l-Uffiċċju ġie assenjat fil-Ministeru responsabbli għall-Intern. Sussegwentement, kien ifforma parti mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali; filwaqt li f'dawn l-aħħar sentejn u nofs, kien jifforma parti mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2nd Floor, Binja Evans, Triq il-Merkanti, Valletta, Malta
T: 22004381   E: oriip.opm@gov.mt